QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

SEDE CIVILE

MAGISTRAT DR DENNIS MONTEBELLO B.A. LLD

SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

Avviz Nru:- 679/00 DM

Josephine Formosa

Vs

Frans Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attrici ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas l-ammont ta' hames mitt lira (Lm500) ammont ta' xoghol hazin li ghamel fil-fond 32 St Mary Str, Gudja, ta' muzajk tat-tarag, liema xoghol f'diversi okkazzjonijiet ppruva jirripara inutilment.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Frans Farrugia fejn eccepixxa illi:

1 Huwa mhux responsabbli ghal esekuzzjoni ta' xoghol hazin.
2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet tas-6 t' Ottubru 2000 fejn gie nominat bhala espert tekniku lil AIC Joseph Mizzi

Rat ir-relazzjoni tal-perit tekniku pprezentata fil-25 ta' Mejju 2002.

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi minhabba n-natura teknika tal-allegazzjoni attrici, ikkontestata mill-konvenut, il-Qorti nnominat lil AIC Joseph Mizzi bhala perit tekniku li pprezenta r-relazzjoni tieghu fl-20 ta' Mejju tas-sena 2002 u hawnhekk ikkonkluda li effettivament il-konvenut kien ezegwixxa hazin it-tqieghed tal-muzajk fit-tarag tal-attrici li rrizulta li fil-fatt huwa maqsum u li ma sarx skond l-arti w is-sengha.

L-istess perit tekniku fir-relazzjoni tieghu elenka wkoll ir-ragunijiet ghaliex jirrizultaw ' hair line cracks' fil-muzajk u anke ikkonkluda illi l-konvenut kellu esperjenza bizzejjed biex, mhux biss jevita dawn id-difetti, imma anke jirrimedja ghalihom.

Ghaldaqstant fil-waqt li taghmel taghha il-konkluzzjonijiet peritali issib illi effettivament il-konvenut kien ghamel xoghol hazin fil-muzajk, fit-tarag tad-dar tal-attrici fit-32 Triq Santa Marija, il-Gudja, u ghalhekk ghandu jikkompensa lill-istess attrici ghal dan ix-xoghol hazin u ghall-ispiza biex id-difett jista' jkun irrimedjat.

Izda fir–relazzjoni tieghu l-perit tekniku ma illikwidax il-kumpens illi huwa dovut lill-istess attrici minhabba dan ix-xoghol hazin, u llimita ruhu biex jirrakkomanda li l-konvenut jghamel huwa stess ir-reparazzjonijiet necessarji, izda dan ma giex mitlub fl-avviz pprezentat mill-attrici, li llimitat ruhha biss li titlob is-somma ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) bhala kumpens ghal dan l-istess xoghol hazin.

Ghaldaqstant il-Qorti trid tezamina l-provi biex tara jekk l-attrici waslitx biex tiggustifika n-nefqa ta' Lm500 ( hames mitt lira Maltin) ghar-riparazzjonijiet necessarji fix-xoghol maghmul mill-konvenut.

Il-provi prodotti mill-attrici jindikaw biss illi x-xoghol li kien ghamel il-konvenut sar madwar hdax il-sena qabel il-prezentata tal-avviz u illi kienet hallset lill-konvenut is-somma ta' Lm420 (erba' mija u ghoxrin lira Maltin) ghal dan ix-xoghol u xi riparazzjonijiet li kien esegwixxa.

Ghalhekk stante dawn il-provi fqar dwar l-ammont ta' kumpens dovut, il-Qorti trid toqghod fuq ic-cirkostanzi tal-kaz u tistabilixxi hi 'arbitri o boni viri' x'ghandu l-konvenut ihallas lill-attrici in linea ta' kumpens ghax-xoghol hazin illi kien esegwixxa.

Ghalhekk tenut kont taz-zmien li halliet jghaddi l-attrici f'liema zmien ghamlet uzu mix-xoghol tal-istess konvenut, u ghalkemm ukoll il-Qorti tapprezza z-zieda fil-prezzijiet anke ghar-riparazzjonijiet necessarji, issib illi, tenut kont ukoll illi ghax-xoghol kollu l-konvenut kien irceva minghand l-attrici s-somma ta' Lm400 (erba' mitt lira Maltin), tistabilixxi 'arbitri o boni viri' kumpens ta' Lm250 (mitejn u hamsin lira Maltin) bhala kumpens gustifikat fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' Lm250 ( mitejn u hamsin lira Maltin) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz u tordna illi ghall-istess konsiderazzjonijiet l-ispejjez tal-kawza jithallsu bin-nofs bejn il-kontendenti.

...................................................

Magt Dr. D. Montebello B.A. LLD

S. Farrugia
Dep / Reg
Civil 43